# KUNSILL LOKALI MSIDA

| | |
|---|---|
| Referenza: | Minuti tas-Seduta 18/K6/2010 |
| Data: | It-Tlieta, 31 ta' Awissu 2010 |
| Post: | Ufficcju Amministrattiv<br>Pjazza Menqa, Msida |
| Hin: | 17.30 pm |

| | | |
|---|---|---|
| Prezenti: | Is-Sindku : | Sur Clifton Grima |
| | Il-Vici Sindku: | Sinjorina Margaret Baldacchino |
| | Il-Kunsilliera: | Sur Emanuel Abela<br>Sur Emanuel Brincat<br>Dott. Carmelo Grima<br>Sur Matthew Agius<br>Sur Charles Selvaggi |
| | Is-Segretarju Ezekuttiv: | Sur Matthew Dimech |

AGENDA

Il-Kunsill mexa fuq l-avviz li gie ppublikat nhar it-Tlieta, 24 ta'Awissu 2010. L-Agenda kienet taqra hekk:

1. Approvazzjoni tal-Minuti tas-Seduta 16/K6/2010.
2. Approvazzjoni tal-Minuti tas-Seduta 17/K6/2010.
3. Materji mill-Minuti.
4. Korrispondenza.
5. Minuti mil-Kumitat Amministrattiv Swatar
6. Embellishment tal-Gnien quddiem il-Knisja u quddiem il-Kunsill.
7. Funtana l-kbira ta' quddiem l-Ghassa.
8. Uzu ta' eco wardens u progress.
9. Traffic Management min fejn l-Ghajn tal-Hassell in ghal Triq il-Wied.
10. Approvazjoni tal-pagamenti tal-kontijiet
11. Approvazjoni tal-Minuti mill-Kumitat u Sotto-Kumitati.
12. Affarijiet ohra jekk urgenti.
13. Aggornament.

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

**Seduta Nru 18/K6/2009**

**Punt 1 Approvazzjoni tal-Minuti tas-Seduta 16/K6/2010.**

644. C Selvaggi qal li minuta numru 590 ghanda tigi koreguta.

645. M Baldacchino qalet li minuta 589, minflok 'C Selvaggi' ghandu jinkiteb isima 'M Baldacchino'.

646. Dott. Grima qal li minuta 592, ghanda tigi taqra:
"Dwar minuta 572, M Agius u C Selvaggi talbu korrezjonijiet sabiex il-minuta tigi taqra: "… *sabiex tghin fl-organizzazjoni tal-festival. Dott. Grima mar fil-kazin tal-Partit Nazzjonalista u qal li €100 trid tinghata bilfors, ghax huwa hekk fehem l-ittra.C Selvaggi kompla u qal li umbghad terza persuna ukoll marret il-kazin fejn din regghet qalet li l-€100 hija obligatorja. Dan sgwida bil-kbir, meta din it-terza persuna qalet raprezentanti fil-Kazin li hu kien cempel lis-Sindku u qal li s-Sindku ser jirranga kollox…"*

647. Dwar minuta 593, M Baldacchino qalet li 'C Selvaggi' ghandu jinbidel u jinkiteb isima 'M Baldacchino'.

648. Dwar minuta 595, M Agius qal li ghanda tizdied is-sentenza "M Agius semma ukoll is-sinjali tat-traffiku biex isiru fi Triq Esperanto".

649. F'minuta 605, is-Sindku qal li parti mis-sentenza ghanda tigi koreguta u jinkiteb:
"Dott. Grima qal li kien cempillu s-Sindku fejn dan infurmah illi kien ser isir tournament, u dehrlu f'dak ir-rigward, li gustament ma jaqbizx lis-Segretarju, u ghal €150 **ta** l-approvazzjoni li l-Kunsill **jghamel** tournament ma' tal-futbol.
Is-Sindku ikkonferma illi it-tournament kien ghadu ma sarx."

650. Dwar minuta 605 ukoll, M Agius qal li sentenza minnhom ghanda tigi koreguta kif gej:
"**M Agius u** C Selvaggi **qalu** li la vera dan it-tournament kien organizzat mil-Kunsill u Klabb tal-futbol, kif hu bhala Kunsillier ma jaf b'xejn?"

651. Dwar minuta 608, Dott. Grima qal biex l-ahhar sentenza tigi taqra:
"Hi umbghad qaltlu li ser tkellem lil Dott. Grima **biex l-affarijiet ikunu aktar** cari."

652. Dwar minuta 609, is-Sindku qal li ghanda tizdied sentenza fl-ahhar tal-minuta li tghid: "Zied ukoll li kull cittadin jista jghamel dan".

653. Is-Sindku ressaq il-minuti 16/K6/2010 ghall-approvazzjoni. M Baldachino issekondat. Il-Minuti gew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv.

**Punt 2 Approvazzjoni tal-Minuti tas-Seduta 17/K6/2010.**

654. Dwar minuta 623, is-Sindku qal biex tizdied is-sentenza "Tinkiteb ittra ta' ringrazzjament".

655. Dwar minuta 634, is-Sindku qal biex l-ahhar sentenza tigi taqra:

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION
ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

"Għaldaqstant, sal-laqgħa li jmiss, inkunu mexxejna fuq il-punt preliminari numru (a) **u wara anke (b)**".

656. M Agius qal biex parti min minuta 637 tigi taqra:

"M Agius qal li umbghad sar jaf li ser issir din l-attivita b'xejn. Hu qal **li jissuspetta** li din mhux vera b'xejn, ghax biex jithallsu €1100, jidher li parti min nuqqas ta' *performance* fil-festival f'Xatt l-Imsida ser tigi koperta b'din l-attivita ta' fejn l-Ghajn."

657. Dwar minuta 641, M Agius qal li ghanda tizdied sentenza fl-ahhar tal-minuta li tghid:

"M Agius qal li ghandu jsir 'Un/Loading' bay fi Triq Principessa Margerita. Il-Kunsill ma qabilx".

658. Is-Sindku ressaq il-minuti 17/K6/2010 ghall-approvazjoni. C Selvaggi issekonda. Il-Minuti gew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv.

**Punt 3 Materji mil-Minuti**

659. M Baldacchino saqsiet kienx hemm progress fuq minuta 597 dwar l-allegat ksur ta' permess min kiosk waqt il-festa. Is-Segretarju qal li l-Pulizija hargu *charges* kontra dan il-persuna u ser jiprocedu il-qorti.

Dwar din l-istess minuta, s-Sindku qal li mhux etika illi wara jumejn tal-ahhar laqgha tal-Kunsill, deher artikolu fuq il-gurnal 'Il-Mument', fejn gie allegat li s-Sindku qassam il-*kiosks* b'xi pjaciri lil xi nies ta' konoxjenza tieghu. Is-Sindku innega dan kollhu. Qal li mhux etika kif gew rappurtati l-affarijiet biex jithammeg persuna partikolari.

Dwar minuta 597, M Agius qal li terza persuna ikkuntatjatu fuq it-telefon dwar dan il-kaz, u jidher illi din inghatat informazzjoni zbaljata illi kien hu li irraporta lill-Pulizija. M Agius qallu li ghandu jkellem lis-Sur Edwin Vassallo, l-artikolist li kiteb dan l-imsemmi artikolu.

660. Dwar minuta 603, Dott. Grima qal li hu qal li l-hamiem ghandhom jigu 'Euthanised" u mhux "Neutered". Is-Sindku qal li ma jaqbilx li dawn l-annimali jinqatlu.

661. Dwar minuta 605, is-Sindku qal li ghadda l-ittra mibghuta mil-klabb tal-futbol Msida St. Joseph lis-Segretarju u li dan ghadda din l-ittra lill-Kunsilliera hekk kif kien mitlub.

Dott. Grima qal li din l-ittra ma hix fuq *letterhead*. Hu qed jara kera u stramba li din bla *letterhead*. Is-Sindku saqsa lil Dott. Grima jekk ghandux xi dubju fuq il-kontenut tal-ittra. Dott. Grima qal li ijwa ghandu dubju fuq il-kontenut tal-ittra.

Filfatt, kompla Dott Grima, filwaqt li irrefera ghal hames paragrafu tal-imsemmija ittra, huwa qal li ma jafx kemm in-nies joqodu jisimghu xi jghidu in-nies l-ohra fuq it-telefon. Hu qal li dan ma jdoqqlux.

Dott. Grima qal li fl-ebda parti mill-ittra ma hawn msemmi li l-klabb tal-futbol ghamel xi bicca mill-imsemmi *tournament*. Hu qal li fl-ittra jidher li ghamel kollox il-Kunsill.

Is-Sindku qal li l-ittra hi iffirmata mill-President u Segretarju tal-Klabb tal-futbol Msida St. Joseph.



UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

Dott. Grima saqsa min huwa is-Segretarju?
Is-Sindku qal li dan huwa s-Sur Abela Wadge.

Is-Sindku qal li dan t-*tournament* isir kull sena. E Abela ikkonferma. Is-Sindku qara minuta 407 tas-sena 2007, dwar korrispondenza numru 0908, fejn din turi li fiz-zmien li Dott. Grima kien Sindku, dan ukoll ghamel spiza fuq materja relatata mal-isport, u li ta' din l-irregolarita, kienet saret rimarka mid-Dipartiment ghal Gvern Lokali.

Dott. Grima qal li vera kien isir kull sena, izda dan wara li tkun saret l-approvazjoni mill-Kunsill Lokali kif mitlub bil-ligi.

Is-Sindku qal li dawn l-ispejjez huma diga inkluzi fil-budget tal-Kunsill ghal kull sena taht l-ispejjez ghal attivitajiet socjali.

Is-Sindku saqsa jekk it-tazzi li inxtraw ghal loghba tal-gostra kienux gew approvati. Is-Segretarju wiegeb fin-negattiv.

Is-Sindku qal li l-ittra mibghuta mid-Dipartiment ghal Gvern Lokali semmiet ukoll l-attivita' tal-Ghana li saret fejn l-Ghajn tal-Hasselin. Is-Sindku qal li din l-ittra ukoll inghatat lil mezzi tax-xandir. Is-Sindku innega l-kontenut tal-artikolu li inkiteb, u qal li mhux vera li dawn l-ispejjez thallsu mil-Kunsill u mhux sewwa li nies min gewwa il-Kunsill jghatu informazzjon inkompleta.

M Agius qal li jaqbel li jsiru attivitajiet sportivi mill-Kunsill, izda din ma gietx approvata.

Is-Sindku waqqaf xi membri tal-publiku prezenti milli jikkumentaw dwar din il-materja waqt il-laqgha tal-Kunsill.

Is-Sindku qal li issa d-Dipartiment ghal Gvern Lokali ser inaqqas €150 mill-allokazjoni finanzjarja.

662. Dwar minuta 607, C Selvaggi saqsa kien hemmx progress. Is-Segretarju qal li ma rcivejna xejn lura mis-Sanita, imma jidher li l-problema giet solvuta.

663. Is-Sindku issospenda il-laqgha. Hin: 18.24

664. Il-laqgha regghet kompliet. Hin: 18.34

665. Dwar minuta 607, C Selvaggi qal li l-funtana giet msewwija.

666. E Abela saqsa kienx hemm progress fuq minuta 610. Is-Segretarju ikkonferma li din il-materja giet approvata mid-Dipartiment tal-Artijiet u li l-kamra issa tista tinkera.

E Brincat saqsa x'sar mil-proposta li s-sular jigi *finished* mid-Dipartiment. Is-Segretarju u s-Sindku qalu li ma hemm xejn bil-miktub s'issa.

Is-Sindku qal li bir-riforma tas-sistema tal-infurzar tal-ligi fil-lokal, l-flus migbura mit-tahrikiet ser jibdew jitpoggew f'kont komuni bejn il-Kunsilli, u li dawn jintuzaw biex jithallsu l-ispejjes tas-sistema, u li jifdal jintuzaw ghal xi progetti.

E Brincat qal li jahseb li b'dan il-mod il-Kunsill ser ikun qed jitlef ammont sew ta' rizorsi finanzjarji. Il-Kunsill qabel.

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

Il-Kunsill qabel li ghandu isir suggeriment lill-President tar-Regjun illi f'dawn il-materji, s-Segretarju Ezekuttivi ghandhom jigu konsultati.

Is-Sindku propona li malli tithaddem is-sistema il-gdida, l-arma tal-Kunsill Lokali titnehha min fuq it-tahrika li tinghata lin-nies, u minfloka tidher arma tar-Regjun. Il-Kunsill qabel ma din il-proposta.

667. Dwar minuta 611, is-Sindku qal li x-xibka fil-grawnd tas-Swatar twahhlet.

668. Dwar minuta 613, E Abela saqsa kienx hemm progress dwar l-ittra mibghuta mid-Direttur Bugelli dwar sinjali tal-karregjata fi Triq Achille Ferris. Is-Segretarju qal li kollox lest.

669. Dwar minuta 615, Dott. Grima saqsa kienx hemm progress dwar it-tnehhija ta' rampa fuq il-bankina fi Triq l-Universita. Is-Sindku qal li s-sid ikkuntatjah, u li ghada ghanda issir laqgha bejn is-Sindku, is-Segretarju Ezekuttiv u is-sid.

670. Dwar minuta 616, M Agius qal li jekk xi hadd ta' informazzjoni skoretta fuq din il-materja lil terzi persuni, ghandu jikkoregi s-sitwazzjoni. M Agius propona li l-Kunsill ma jiehux decizjoni qabel dan il-kaz ta' ksur ta' permess jigi deciz mil-qorti. Il-Kunsill qabel.

671. E Brincat hareg mil-laqgha. Hin: 18.56

672. Dwar minuta 619, is-Sindku saqsa jekk sarux it-tiswijiet fil-lift tal-Kunsill. Is-Segretarju wiegeb fil-pozittiv.

673. Dwar minuta 624, is-Sindku qal illi intefghu sitt offerti ghal kuntratt ta' *Public Private Partnership* ghat-tiswija ta' toroq fl-Imsida.

Is-Segretarju qal li inqalghu certu materji f'dawn l-ahhar jiem dwar dan il-kuntratt li inkwetawh, u ghaldaqstant kellhu jitlob ammont ta' kjarifiki mid-Dipartiment ghal Gvern Lokali. Is-Segretarju ikkonferma illi:

a) Dawk it-*tenderers* li ma geddewx il-Bid Bond fil-hin huma skwalifikati
b) Dawk it-*tenderers* li offrew *discount* fuq l-ammont li originalment gie offrut, ma jistghux jigu ikkunsidrati bl-ammont tad-*discount*, izda jistghu biss jigu kunsidrati fuq l-ammont originali li bih intefghet l-offerta.

Is-Segretarju kompla billi qal li ghaldaqstant, fadal erbgha offerti validi ghal dan il-kuntratt.

674. E Brincat dahal fil-laqgha. Hin: 19.25

Is-Segretarju qara e-mails li bghat lid-Direttur Bugelli dwar din il-materja u qara ukoll id-direttiva tad-Direttur dwar kif il-Kunsill ghandu jiprocedi fuq l-ghazla.

675. Is-Sindku issospenda l-laqgha. Hin 19.28

676. Is-Sindku kompla l-laqgha. Hin: 19.32

677. Is-Sindku qal li kif intefghu t-tenders, bil-prezzijiet originali, meta wiehed ihares lejn dawk li ghadhom validi, jigifieri: Schembri Infrastructures Ltd., V&C Contractors Ltd.,

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

Bonnici Brothers u Road Servicing Ltd., dan tal-ahhar, jigifieri, Road Servicing Ltd. huwa l-irhas tender min dawk li ghadhom validi.

Il-Kunsill qabel li jghazel l-offerta ta' Road Servicing Ltd. ghal prezz ta' €137,266.21.

678. Dwar minuta 626, E Abela qal prosit tal-inizjattiva lis-Sotto Kumitat, u saqsa meta ser issir. E Brincat spjega li la darba Transport Malta tapprova t-tibdiliet li saru fit-*traffic management*, l-applikazjoni ghanda bzonn ukoll permess DNO mill-MEPA, biex unbghad wara tigi sottomesa ghal finanzjament mill-Urban Improvement Fund.

Fuq dan il-punt, E Brincat issugerixxa li mal-progett ta' traffic management fi Triq Victor Denaro, isiru ukoll il-bankini ta' Triq Victor Denaro, Triq Schranz u Triq Bellanti. Il-Kunsill qabel.

679. Dwar minuta 625, M Agius qal li l-laqgha mal-Ministru Cristina saret, fejn il-Kunsill Lokali ressaq il-proposti tieghu ghal progett ta' kumpless sportiv. M Agius qal li l-Ministru ghanda tghati risposta lura lill-Kunsill.

680. Dwar minuta 628, Dott. Grima saqsa sarx progress. Is-Segretarju wiegeb fin-negattiv.

681. Dwar minuta 630, is-Sindku qal li ghamel kuntatt mal-MRRA fejn dawn gew inaddfuha u sabu xi hsarat. Is-Sindku qal li ser ikompli jinsisti li l-Ghajn tal-Hassellin titnaddaf.

682. Dwar minuta 633, C Selvaggi qal li jidher li hemm progress fil-kwalita tal-knis mal-lokal, wara li ingibdet l-attenzjoni tal-kuntrattur f'laqgha li saret mieghu dan l-ahhar. E Brincat qal li fi Triq is-Swatar, l-istudenti tas-St Martin's College qed ihamgu mal-ewwel wara li jsir il-knis.

Is-Segretarju fakkar li f'Ottubru ghanda tibda l-iskeda tal-knis ta' waranofsinar madwar l-Universita u Junior College bil-fondi addizjonali li akwista il-Kunsill. Huwa qal li dan is-sena l-ohra sar permezz ta' addenda mal-kuntratt tal-knis. Is-Segretarju qal li jkun ghaqli li jigi ivverifikat jekk dan jistax isir din is-sena bl-ammont akbar ta' fondi ghal dan is-servizz addizjonali.

683. Dwar minuta 632, is-Sindku qal li qed ihamgu fost il-gimgha ukoll.

684. Dwar minuta 637, M Agius qal li bhala membru fil-kumitat, ma jafx li qatt idecidejna fuq li ssir l-Ghana waqt il-festival f'Xatt l-Imsida.

**Punt 4 Korrispondenza**

685. 1303 – Is-Segretarju qal li s-Sotto Kumitat tal-Anzjani ghandu jesplora din il-possibilta ta' uzu tal-Marina Home mill-Kunsill Lokali.

686. 1229 – Is-Segretarju qal li Transport Malta ikkonfermat illi t-toroq illi hija ser tghamel fix-xhur li gejjin fl-Imsida, huma l-istess toroq li kellhom jitlestew sas-sena 2008. Il-Kunsill qabel li ssir Mistoqsija Parlamentari dwar jekk Triq Censu Farrugia ghadiex propjeta privata.

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

687. 1337 – Is-Sindku ressaq din il-korrispondenza mibghuta mis-Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill, dwar talba ta' *study leave* ghal perijodu ta' bejn is-6 ta' Settembru u 15 ta' Ottubru, peress li ser ikollu l-ezamijiet f'dan il-perijodu ghal kors ta' MSc fil-Public Policy u Management li qed jghamel l-Universita ta' Londra. Il-Kunsill approva li jinghata *study leave*.

688. 1268 – E Brincat qal li l-email li bghat dwar *patching* hadd ma wiegbu mil-Kunsilliera hlief M Agius.

E Brincat qal ukoll li t-twaqqiegh ta' bini tal-housing estate fi Triq il-Wied beda, u wara li hu ghamel laqgha mal-kuntrattur tat-twaqqiegh biex jifhem kif ser jiprocedi it-twaqqiegh, issugerixxa lil Kunsill jghamel laqgha mal-Housing Authority biex naraw kif ser jiprocedi il-progett ta' bini ta' Housing Estate gdid.

E Brincat ressaq biex is-*sleeping policeman* li hemm fi Triq Nazju Falzon titressaq lejn Triq il-Hriereb.

Is-Sindku ressaq biex is-*sleeping policeman* fi Triq il-Kuncizzjoni tigi rrangata.

689. Dott. Grima saqsa dwar korrispondenza numru 1297. Is-Segretarju qal li din l-istess ittra tal-ahhar laqgha.

**Punt 10 Pagamenti tal-Kontijiet**

690. Is-Sindku ressaq il-lista tal-pagamenti tal-kontijiet ghall-approvazjoni. Dott. Grima ssekonda. Il-lista giet iffirmata mis-Sindku, Dott Grima u s-Segretarju Ezekuttiv.

**Punt 11 Approvazjoni tal-Minuti mill-Kumitat u Sotto-Kumitati**

691. E Abela, f'isem is-Sotto Kumitat tal-Anzjani propona li s-Sur Jhonny Sapiana jigi propost ghal premju anzjan tas-sena. Il-Kunsill qabel.

**Punt 5 Minuti mil-Kumitat Amministrattiv Swatar**

692. Ic-Cermen tal-Kumitat qalet li l-Kumitat approva li ssir attivita socjali nhar it-2 ta' Novembru, u biex il-Kunsill tal-Msida jippartecipa billi ukoll jghamel u iqassam flyers tal-attivita lir-residenti.

**Punt 13 Aggornament**

693. Il-laqgha giet aggornata ghas-7 ta' Settembru 2010 fil-5.30pm. Il-laqgha ntemmet. Hin: 20.30

Approvati llum ______________________________

Nutar Clifton Grima
Sindku

Matthew Dimech
Segretarju Ezekuttiv

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com